



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

17.4.2012

B7-0206/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Burma/il-Mjanmar
(2012/2604(RSP))

Barbara Lochbihler, Jean Lambert, Rui Tavares, Gerald Häfner, Raül Romeva i Rueda, Christian Engström, Emilie Turunen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

B7-0206/2012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Burma/il-Mjanmar
(2012/2604(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Burma/il-Mjanmar, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Novembru 2010 u tal-20 ta' Mejju 2010,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Awwissu 2011(2011/504/PESK) li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE dwar Burma/il-Mjanmar tat-23 ta' Jannar 2012,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' April 2011 dwar it-tneħħija b'mod temporanju tas-sospensjoni tal-laqgħat ta' livell għoli kif ukoll dwar is-sospensjoni tas-sanzjoni tal-membri ċivili l-ġdid tal-gvern (Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/239/PESK),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 dwar it-triq għar-riformi fl-Mjanmar,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli, u b'mod partikolari d-Dikjarazzjonijiet tat-13 ta' Novembru 2010 dwar il-ħelsien ta' Aung San Suu Kyi, tat-13 ta' Jannar 2011 u tat-12 ta' Ottubru 2011 dwar il-ħelsien ta' prigiunieri politiċi, u tat-2 ta' April 2012 dwar il-mod ta' kif saru l-elezzjonijiet każwali,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit tal-ASEAN tat-3 ta' April 2012 dwar l-eżitu tal-elezzjonijiet każwali tal-1 ta' April 2012 u s-sejħa għat-tneħħija tas-sanzjonijiet,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Mjanmar li jospita l-Logħob tal-Ażja tax-Xlokk fl-2013 u li jassumi l-presidenza tal-ASEAN fl-2014,
 - wara li kkunsidra d-diskors dwar il-qagħda tal-Unjoni tal-President Thein Sein fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju tal-gvern tiegħu fl-1 ta' Marzu 2012, li fih irrikonoxxa li, minkejja l-isforzi li saru, għad baqa' “ħafna aktar xi jsir”,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, matul l-ewwel sena fil-kariga, il-Gvern tal-President Thein Sein għamel aktar progress lejn id-demokrazija milli kien sar fl-aħħar għexieren ta' snin;
- B. billi f'elezzjoni parzjali storika fl-1 ta' April 2012, il-partit tal-oppożizzjoni NLD taħt it-tmexxija ta' Aung San Suu Kyi rebaħ 43 mill-45 siġġu fil-Parlament, minkejja l-irregolaritajiet li rat l-iskwadra tal-monitoraġġ tal-elezzjonijiet;
- C. billi minn mindu l-gvern il-ġdid ħa l-kariga f'Marzu 2011, il-maġġorparti tal-prigiunieri politiċi ġew rilaxxati u għadd minnhom sfaw eletti fil-Parlament fl-elezzjonijiet parzjali,

daħlu fis-seħħ għadd ta' waqfien mill-ġlied preliminari ma' 12 mit-13-il grupp etniku, u bosta dissidenti politiċi rritornaw fil-Mjanmar mill-eżilju minħabba fil-wegħda tar-rikonċiljazzjoni;

- D. billi l-Parlament, għad li elett bi proċeduri dubbjużi, beda ħidmitu fuq programm leġislattiv ambizzjuż, billi fetaħ it-triq għal proċedura baġitarja u sistema ta' kambju trasparenti, it-twaqqif tal-unions tal-ħaddiema, ġestjoni aħjar tal-art, konservazzjoni tal-ambjent, u devoluzzjoni tal-poter;
 - E. billi l-gvern ħa bosta passi biex jespandi l-libertajiet ċivili fil-pajjiż, bħal-libertà ta' informazzjoni u espressjoni, l-aktar bit-tneħħija tal-projbizzjoni kontra xi 30,000 sit tal-internet u xi 54 pubblikazzjoni, il-libertà tal-għaqda, l-istabbiliment ta' Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-abolizzjoni tal-bord taċ-ċensura ppjanata għal qabel tmiem l-2012;
 - F. billi għall-ewwel darba f' għexur ta' snin, atti bħalma huma n-non-kontinwazzjoni ta' proġetti għall-ġenerazzjoni elettrika li ma kinux popolari u potenzjalment kienu ta' twegħir ambjentali u soċjali, bħad-diġa tal-idro-enerġija ta' Myistone u l-impjant ta' ġenerazzjoni elettrika li jaħdem bil-faħam ta' Dawei juru interess tabilħaqq min-naħa tal-gvern għat-tħassib tal-poplu, u jagħtu tama kwantu s-serjetà tal-intenzjoni tiegħu li jikkumbatti l-faqar, imexxi 'l quddiem l-iżvilupp rurali, iwettaq riforma agrarja u jdaħħal sistema ta' assikurazzjoni universali tas-saħħa;
 - G. billi l-gvern indika li miexi bi proċess maqsum fi tliet tarġiet għall-bini tal-paċi, li beda minn waqfien il-ġlied, segwiet minn proċessi soċjo-ekonomiċi, kulturali u politiċi u jasal sa ftehim li jħaddan – billi jinvolvi bidliet fil-Kostituzzjoni – kwestjonijiet etniċi, inklużi d-demobilizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' dawk li kienu kombattenti, il-kondiviżjoni tar-riżorsi u awtonomija akbar;
 - H. billi l-politiki ta' diskriminazzjoni kontra l-minoranza Rohingya b'dana kollu għadhom ma trażznux;
 - I. billi l-qabża bejn id-deċiżjonijiet politiċi u l-kapaċitajiet istituzzjonali u tekniċi limitati fil-prattika jdewmu l-bidliet u l-effett tagħhom fuq il-ħajja tal-maġġoranza taċ-ċittadini Burmiżi, li jibqgħu jħabbtu wiċċhom ma' faqar kbir, livelli għoljin ta' dejn, nuqqas ta' impjiegi u assenza ta' servizzi soċjali;
1. Ifisser is-solljiev kbir tiegħu quddiem is-sinjali pożittivi ħafna ta' bidla fil-Mjanmar u l-ammont ta' proposti ta' riforma li ġew intavolati;
 2. Jilqa' b'ħeġġa l-isforzi tal-gvern, tal-parlament u tal-mexxejja tal-forzi armati favur li jinstab tmiem għall-kunflitt armati interni li ilhom sejrjn deċennji, ħalli l-Mjanmar jasal għad-demokrazija u jittieħdu passi deċiżivi għat-taqbida kontra t-tiċħid taċ-ċittadini tiegħu mill-kisbiet tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku;
 3. Itenni r-rispett kbir li għandu għat-taqbida li ilha għaddejja deċennju tal-mexxejja tal-oppożizzjoni u rebbieħa tal-Premju Sakharov li sfat imċaħħda minn jeddha demokratiku li tiffirma gvern fl-1989 u jifirħilha għar-rebħa kbira tal-partit tagħhom fl-elezzjonijiet parzjali ta' April;

4. Jistenna b'ħeġġa li jilqa' lil Aung San Suu Kyi fil-Parlament Ewropew ħalli uffiċjalment jagħtiha l-Premju Sakharov li rebħet fl-1990;
5. Jilqa' t-tneħħija tal-projbizzjoni tal-viża mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE f'Jannar u jemmen li l-UE għandha tissottolinja aktar l-appoġġ tagħha għall-isforzi favur ir-riforma mingħajr preċedenti billi bil-mod tnehi s-sanzjonijiet li ma għandhomx implikazzjonijiet militari jew li jkollhom l-effett li jipperpetwaw il-kontroll militari fuq ir-riżorsi, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet tal-ghajjnuna għall-iżvilupp u l-projbizzjonijiet fuq l-investimenti, l-esportazzjoni/importazzjoni u s-self;
6. Jemmen li l-Mjanmar għandu wkoll isir eliġibbli għall-GSP+ jekk jibqa' għaddej fit-triq li qabad favur ir-riforma, l-aktar billi jizradika l-użu sistemiku li ilu għaddej is-snin tal-lavuri forzati min-naħa tal-awtoritajiet u jdaħħal standards ta' jeddijiet tal-ħaddiema li jkunu jaqblu mal-istandards tal-ILO;
7. Jilqa' t-tħabbira ta' ghajjnuna tal-iżvilupp tal-UE fl-ammont ta' EUR 150 miljun għat-tliet snin li gejgin u jstieden lill-UE u lill-istati membri jagħtu s-sostenn tagħhom lill-awtoritajiet Burmiżi fil-bini tal-kapaçità, l-ghajjnuna u l-kummerç ħalli malajr jittaffa n-nuqqas ta' kapaçità istituzzjonali u teknika fil-Mjanmar;
8. Jistieden lin-NU tikkunsidra mezzi possibbli għall-għoti ta' sostenn lill-gvern Burmiż fil-proçess ta' tranżizzjoni u tilqa' l-appoġġ tal-UNESO fir-riforma tal-liġijiet tal-mezzi tax-xandir;
9. Jinnota bi tħassib li t-trasformazzjoni pożittiva fuq il-livell governattiv damet ma skulat sal-popolazzjoni inġenerali u li għad fadal ħafna xi jsir;
10. Jistieden b'mod partikolari lill-gvern jiffinalizza n-negozjati ta' paçi man-nazzjon Shan u jħeġġeġ lill-awtoritajiet jissoktaw jaħdmu ħalli jiksbu pjan ta' paçi li jkun iħaddan it-terminazzjoni irreversibbli tal-kunflitti armati fil-pajjiż;
11. Jitlob li jkun hemm ir-rilaxx tal-priġunieri politiçi kollha u l-açcess tal-ICRC u l-korpi tal-jeddijiet tal-bniedem fil-ħabsijiet tal-Mjanmar;
12. Jisħaq li l-minoranza Rohingya ma tistax titħalla barra mill-ftuħ li qed jiżviluppa issa għal Burma multikulturali u jstieden lill-awtoritajiet jagħtu lir-Rohingya jeddijiet taç-çittadini u trattament ugwali ghaç-çittadini Burmiżi l-oħrajn;
13. Jilqa' l-ħolqien tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Jeddijiet tal-Bniedem, jiddispaçi iżda li l-indipendenza tagħha tqiegħdet f'dubju minħabba li l-membri tagħha jintgħażlu mill-gvern u l-mandat tagħha huwa msejjes fuq il-Kostituzzjoni Burmiża tal-2008 mhux standards universali tal-jeddijiet tal-bniedem; iħeġġeġ li jkun żgurat li l-mandat tagħha jkun jinkludi l-abbuż mill-militar; jilqa' l-appoġġ tekniku u finanzjarju tal-UE għat-tisħiħ tal-kapaçitajiet tal-Kummissjoni;
14. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu li jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Mjanmar u lill-istati membri l-oħrajn tal-ASEAN, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.

